BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

MT

ECB-PUBLIC

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-21 ta' Jannar 2019

dwar is-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu mill-Bank Ċentrali ta' Malta u s-sorveljanza tiegħu ta' servizzi ta' pagament

(CON/2019/2)

Introduzzjoni u bażi legali

Fis-7 ta' Novembru 2018 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Bank Ċentrali ta' Malta (BĊM) għal opinjoni dwar abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (l-"abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM") u dwar abbozz tad-Direttiva Nru 15 dwar is-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu (l-"abbozz ta' direttiva dwar aġenziji ta' referenza tal-kreditu"). Il-BĊM informa wkoll lill-BĊE li biħsiebu jemenda d-Direttiva Nru 14 dwar ir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu ("l-abbozz ta' emendi għad-Direttiva dwar ir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu"), flimkien mal-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM u l-abbozz ta' direttiva dwar aġenziji ta' referenza tal-kreditu, li flimkien jissejħu l-"abbozz ta' liġi". Fit-23 ta' Novembru 2018, il-BĊE rċieva verżjoni rreveduta tal-abbozz ta' liġi.

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti din l-opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-tieni, it-tielet u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE[1], perezz li l-abbozz ta' liġi huwa relatat ma' mezzi ta' pagament, mal-BĊM, mal-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta' statistiċi finanzjarji u dwar il-bilanċ tal-ħlasijiet u l-kompiti tal-BĊE li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 127(6) tat-Trattat.

Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Skop tal-abbozz ta' liġi

1.1 L-abbozz ta' liġi għandu tliet skopijiet ewlenin. *L-ewwel nett*, jestendi s-setgħat ta' sorveljanza tal-BĊM fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' pagament minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji[2]. *It-tieni nett*, jagħti lill-BĊM setgħat superviżorji ġodda fir-rigward ta'

1 Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju, 1998 dwar il-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01 Volum 001 P. 446 - 447).

2 L-Att dwar il-BĊM jiddefinixxi t-terminu "istituzzjoni finanzjarja" bħala li għandu l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 2 tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Att XXII tal-1994, Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta), inkluża kull fergħa f'Malta ta' istituzzjoni li ma tkunx inkorporata f'Malta. ""Istituzzjoni finanzjarja" kif iddefinita fl-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji tfisser kull persuna li tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb parteċipazzjonijiet jew tidħol biex twettaq xi attività elenkata fl-Ewwel Skeda tal-Att imsemmi, akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qiegħda twettaq dik l-attività, u tinkludi istituzzjonijiet ta' pagament fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kif ukoll istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

aġenziji ta' referenza tal-kreditu. *It-tielet nett,* jestendi l-aċċess għar-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu miżmum mill-BĊM lil aġenziji ta' referenza tal-kreditu u lil istituzzjonijiet oħrajn li lilhom il-BĊM jiddeċiedi li jagħti aċċess.

1.2 *Sorveljanza ta' servizzi ta' pagament*

1.2.1 L-Att dwar il-BĊM attwalment jawtorizza lill-BĊM biex joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi dwar il-forniment ta' servizzi ta' pagament sabiex jippromwovi l-iżvilupp u l-forniment stabbli u sostenibbli ta' strumenti ta' pagament[3]. L-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM jestendi (i) l-ambitu tal-attività tal-BĊM biex ikopri l-forniment ta' servizzi ta' pagament, applikazzjonijiet ta' pagament, skemi ta' kards ta' pagament u tranżazzjonijiet ta' pagament minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji; u (ii) is-setgħat ta' sorveljanza u regolatorji tal-BĊM f'dan ir-rigward (ara l-paragrafu 1.2.2 hawn isfel). Għal dan l-iskop, servizz ta' pagament huwa ddefinit skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[4] Applikazzjoni ta' pagament hija ddefinita bħala softwer tal-kompjuter jew ekwivalenti, li jkun installat fuq strument li jippermetti li jinbdew tranżazzjonijiet ta' pagament u li jippermetti lil min ikun qiegħed iħallas joħroġ ordnijiet ta' pagament. Skema ta' kard ta' pagament hija ddefinita bħala ġabra unika ta' regoli, prattiki, standards u/jew linji gwida ta' implimentazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kard. Finalment, tranżazzjoni ta' pagament hija ddefinita bħala l-att, mibdi minn min iħallas jew f'ismu jew inkella minn min ikun ser jirċievi l-pagament, ta' tqegħid, trasferiment jew ġbid ta' fondi, irrispettivament minn kwalunkwe obbligu sottostanti bejn min iħallas u min jirċievi l-pagament.

1.2.2 Skont l-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM, ebda istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja ma tista' tipprovdi servizz ta' pagament f'Malta ħlief jekk tinnotifika lill-BĊM. Il-BĊM ikollu s-setgħa li jirrevedi r-regoli u l-proċeduri ta' kwalunkwe servizz ta' pagament, applikazzjoni ta' pagament, skema ta' kard ta' pagament u tranżazzjoni ta' pagament f'Malta. Ikun awtorizzat biex jagħmel ordni li żżomm lil istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja milli twettaq attivitajiet li huwa jqis li jmorru kontra l-iżvilupp stabbli u sostenibbli tax-xenarju tal-ħlasijiet f'Malta. Il-BĊM ikun awtorizzat ukoll biex jissospendi l-forniment ta' kwalunkwe servizz ta' pagament, applikazzjoni ta' pagament, skema ta' kard ta' pagament jew tranżazzjoni ta' pagament meta l-istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja tonqos milli tikkonforma ma' ordni jew rekwiżit legali tal-BĊM. Finalment, ikollu s-setgħa li jxandar każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-ordni jew rekwiżiti tiegħu u biex jimponi penali amministrattivi.

1.2.3 Skont l-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM, il-BĊM ikun meħtieġ li jiddiskuti mal-awtorità kompetenti l-promozzjoni tal-iżvilupp stabbli u sostenibbli tax-xenarju tal-ħlasijiet f'Malta. Awtorità kompetenti hija ddefinita bħala kull awtorità jew awtoritajiet maħtura biex jirregolaw in-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji jew istituzzjonijiet ta' servizzi finanzjarji taħt kwalunkwe liġi elenkata fl-Iskeda għall-Att dwar il-BĊM. Fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi ta' pagament minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, l-awtorità kompetenti taħt l-Att

3 Ara l-Artikolu 34A(1) tal-Att dwar il-BĊM.

4 Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p.35). B'mod partikolari, servizz ta' pagament huwa ddefinit bħala kwalunkwe attività ta' negozju stipulata fl-Anness I tagħha.

dwar il-Kummerċ Bankarju[5] u l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji hija l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA).

1.3 *Superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu*

1.3.1 Taħt l-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM, il-BĊM huwa nnominat bħala l-awtorità superviżorja ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu unikament għall-iskop li jissorvelja u jirregola l-kompitu ta' ħruġ ta' punteġġ ta' kreditu, iddefinit bħala kejl tal-affidabbiltà tal-kreditu miksuba minn informazzjoni dwar il-kreditu li għandha, fuq piena ta' nullità, tinkludi data miksuba mir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu miżmum mill-BĊM. Aġenzija ta' referenza tal-kreditu hija ddefinita għal dan l-iskop bħala impriża li jkollha liċenzja mingħand l-Unità tal-Liċenzji tal-Kummerċ[6] u li n-negozju ewlieni tagħha jkun jikkonsisti fit-tħejjija, il-kumpilazzjoni u l-evalwazzjoni ta' informazzjoni ta' kreditu u servizzi relatati ta' kreditu u ġestjoni tar-riskju dwar persuni ġuridiċi u fiżiċi bl-iskop li joħorġu punteġġi ta' kreditu li jiġu pprovduti lil terzi persuni, iżda aġenzija ta' referenza tal-kreditu mhijiex prekluża milli twettaq kompiti oħrajn relatati.

1.3.2 Taħt l-Avviż Legali 213 tal-2018[7], li dwaru l-BĊE ma ġiex ikkonsultat, huwa pprovdut ukoll li għandha ssir applikazzjoni għal liċenzja tal-kummerċ lill-Unità tal-Liċenzji tal-Kummerċ b'konsultazzjoni mal-BĊM, biex b'hekk il-BĊM huwa meħtieġ li jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' tali liċenzja lill-Unità tal-Liċenzji tal-Kummerċ. Dik il-liċenzja tista' tiġi sospiża jew ikkanċellata mill-Unità tal-Liċenzji tal-Kummerċ fuq rakkomandazzjoni mill-BĊM. Kull direttur, maniġer, amministratur, fiduċjarju jew uffiċjal prinċipali ta' aġenzija ta' referenza tal-kreditu jista' jitneħħa mill-Unità tal-Liċenzji tal-Kummerċ fuq rakkomandazzjoni mill-BĊM. Kwalunkwe restrizzjoni oħra tista' tiġi imposta fuq aġenzija ta' referenza tal-kreditu mill-Unità tal-Liċenzji tal-Kummerċ hekk kif jista' jistipola l-BĊM, bħala l-awtorità superviżorja.

1.3.3 Taħt l-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM, il-BĊM għandu s-setgħa li jiġbor tariffi superviżorji minħand aġenziji ta' referenza tal-kreditu li jkollhom liċenzja. Bħala parti mid-dmirijiet superviżorji tiegħu, il-BĊM jista' jwettaq spezzjonijiet fuq il-post u barra mill-post.

1.3.4 L-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM jagħti s-setgħa lill-BĊM biex joħroġ direttivi għat-twettiq tad-dmirijiet superviżorji tiegħu b'rabta ma' aġenziji ta' referenza tal-kreditu. F'dan il-kuntest, l-abbozz ta' direttiva dwar aġenziji ta' referenza tal-kreditu jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar is-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu li jkollhom liċenzja. B'mod partikolari, jistabbilixxi obbligi speċifiċi għall-aġenziji ta' referenza tal-kreditu fir-rigward tal-ħruġ ta' punteġġi ta' kreditu, ir-rekwiżiti ta' notifikazzjoni, l-obbligu li tiġi stabbilita unità għar-riżoluzzjoni ta' kunflitti u l-kunfidenzjalità. Ir-regoli stipulati fl-abbozz ta' direttiva dwar aġenziji ta' referenza tal-kreditu huma relatati wkoll mas-setgħat tal-BĊM bħala superviżur ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu. B'mod partikolari, dawn jipprovdu għall-impożizzjoni ta' tariffa superviżorja annwali, setgħat relatati mal-ispezzjonijiet tal-BĊM fuq il-post u barra mill-post, setgħat b'rabta mal-aċċess għal dokumenti miżmuma mill-aġenziji, setgħat fir-rigward tal-governanza tal-aġenziji u s-setgħa li jiġu imposti

5 Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Att XV tal-1994, Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta.

6 Ara l-Parti VIIA, Regolamenti 47A sa 47H tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, Avviż Legali 420 tal-2016.

7 Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, li żiedu l-Parti VIIA mar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ.

penali kontra l-aġenziji.

1.4 *Aċċess għar-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu*

1.4.1 L-abbozz ta' emendi għad-Direttiva dwar ir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu fil-biċċa l-kbira jkopri l-modalitajiet ta' aċċess għar-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu mill-partijiet ewlenin involuti, b'mod partikolari istituzzjonijiet ta' kreditu, persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-kreditu tagħhom ikun qiegħed jiġi kklassifikat u aġenziji ta' referenza tal-kreditu. L-abbozz ta' emendi jirregola wkoll il-modalitajiet tal-aċċess għar-Reġistru mill-Bank Malti ta' Żvilupp u minn istituzzjonijiet oħrajn li lilhom il-BĊM jagħti aċċess.

1.4.2 Id-dipożizzjonijiet eżistenti tal-Att dwar il-BĊM jipprovdu li l-BĊM jista' jagħti aċċess lir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu fuq il-bażi ta' arranġamenti ta' reċiproċità lil banek ċentrali u istituzzjonijiet oħrajn ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li joħolqu bażijiet ta' data kumparabbli għar-Reġistru[8]. L-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM jemenda din id-dispożizzjoni billi jistabbilixxi li l-aċċess għar-Reġistru ser jiġi estiż għal: (i) istituzzjonijiet tal-Unjoni li joħolqu databases kumparabbli għar-Reġistru u li jikkonkludu arranġamenti ta' reċiproċità mal-BĊM; (ii) l-Awtorità tal-Elenkar; (iii) il-Borża ta' Malta; u (iv) kwalunkwe istituzzjoni oħra skont kif il-BĊM jidhirlu li huwa meħtieġ.

1.4.3 Barra minn hekk, l-abbozz ta' liġi li temenda l-Att dwar il-BĊM jintroduċi dispożizzjoni ġdida li tkopri każijiet fejn it-twettiq tal-funzjonijiet statistiċi tal-BĊM taħt l-Att dwar il-BĊM ikun jeħtieġ it-trasferiment ta' informazzjoni statistika u ta' natura oħra mill-BĊM lil kwalunkwe persuna b'mod ġenerali jew kwalunkwe entità li jkollha liċenzja, tkun awtorizzata jew irreġistrata minn awtorità kompetenti.

2. Ambitu tal-opinjoni

Din l-opinjoni tiffoka fuq dawn l-oqsma tal-abbozz ta' liġi li huma ta' interess għall-BĊE: is-sorveljanza ta' servizzi ta' pagament mill-BĊM (**Taqsima 3**); is-setgħat superviżorji ġodda tal-BĊM fir-rigward ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu (**Taqsima 4**); u l-aċċess għar-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu (**Taqsima 5**). Finalment l-opinjoni teżamina l-kompiti ġodda mogħtija lill-BĊM kontra l-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju (**Taqsima 6**). Din l-opinjoni ma tindirizzax il-kwistjoni jekk l-abbozz ta' liġi, jekk jiġi adottat kif propost, jirrappreżentax mezz effettiv għall-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366 jew atti legali tal-Unjoni relevanti oħrajn f'Malta.

3. Sorveljanza ta' servizzi ta' pagament ipprovduti minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji

3.1 Is-sorveljanza ta' servizzi ta' pagament ipprovduti minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji diġà ssir mill-BĊM taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-BĊM[9].

3.2 F'Malta, il-BĊM u l-MFSA huma ż-żewġ awtoritajiet kompetenti taħt id-Direttiva (UE) 2015/2366. L-MFSA hija, bi ftit eċċezzjonijiet, fil-biċċa l-kbira responsabbli għat-Titolu II (Fornituri ta' servizzi ta' pagament) tal-istess Direttiva, waqt li l-BĊM huwa, bi ftit eċċezzjonijiet, fil-biċċa l-kbira responsabbli għat-Titoli III (Trasparenza tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' informazzjoni għas-servizzi ta'

8 Ara l-Artikolu 24(4) tal-Att dwar il-BĊM.
9 Ara l-Artikolu 34A tal-Att dwar il-BĊM.

pagament) u IV (Drittijiet u obbligi fir-rigward tal-forniment u l-użu ta' servizzi ta' pagament). Barra minn hekk, xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/2366, bħal dawk relatati mar-rapportar ta' inċidenti, kif ukoll dispożizzjonijiet aktar ġenerali bħal dawk, *inter alia*, dwar il-protezzjoni tad-data u penali, jaqgħu taħt l-ambitu kemm tal-BĊM kif ukoll tal-MFSA. F'termini prattiċi, l-MFSA hija, taħt id-Direttiva, responsabbli għall-għoti u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal istituzzjonijiet ta' pagament, is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' pagament u kwistjonijiet relatati ma', *inter alia*, is-sjieda ta' ishma, fondi proprji, rekwiżiti ta' salvagwardjar u governanza[10]. Min-naħa l-oħra, il-BĊM, bħala s-sorveljant u r-regolatur tat-tħaddim ta' sistemi ta' pagamenti domestiċi u l-parteċipazzjoni fihom, huwa responsabbli, *inter alia*, għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-awtorizzazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament, awtentifikazzjoni, kuntratti oqfsa, rekwiżiti ta' informazzjoni u tariffi applikabbli fir-rigward ta', *inter alia*, istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet ta' pagament[11].

3.3 Il-BĊE jinnota li l-abbozz ta' liġi jipproponi li jestendi s-setgħat eżistenti ta' sorveljanza u regolatorji tal-BĊM b'rabta ma' forniturі ta' servizzi ta' pagament, inklużi istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji. Taħt l-abbozz ta' liġi l-BĊM huwa meħtieġ jiddiskuti mal-"awtorità kompetenti" il-promozzjoni tal-iżvilupp stabbli u sostenibbli tax-xenarju tal-ħlasijiet f'Malta. Id-definizzjoni ta' "awtorità kompetenti" taħt l-Att dwar il-BĊM ma tinkludix, madankollu, lill-BĊE. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, fir-rigward tas-sorveljanza ta' skemi internazzjonali ta' kards ta' pagament li jipprovdu servizzi fis-suq Malti, m'hemm ebda referenza fl-abbozz ta' liġi għat-tqassim ta' responsabbiltajiet ta' sorveljanza fi ħdan l-Eurosistema.

3.4 Skont id-dritt tal-Unjoni relevanti[12], il-BĊE għandu l-kompetenza biex iwettaq kompiti speċifiċi għall-finijiet ta' superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri. Fid-dawl tal-kompetenza tiegħu f'dan il-qasam, il-BĊE jikkunsidra li l-BĊM għandu jinforma lill-BĊE u l-MFSA, fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom għas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, fuq bażi *ex ante*, kull meta l-eżerċitar tas-setgħat ta' sorveljanza u regolatorji tal-BĊM b'rabta ma' forniturі ta' servizzi ta' ħlas li jkunu istituzzjonijiet ta' kreditu, jista' joħloq ir-riskju ta' prelazzjoni tas-setgħat li l-BĊE u l-MFSA jista' jkollhom għall-finijiet tat-twettiq ta' superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, inkluża s-setgħa li jirrestriġu jew jillimitaw in-negozju u l-operat tagħhom. Barra minn hekk, il-BĊE jifhem li kwalunkwe setgħa eżerċitata mill-BĊM f'dan ir-rigward hija mingħajr preġudizzju għal dawk is-setgħat tal-BĊE u l-MFSA[13]. B'mod simili, il-BĊE jixtieq ifakkar it-tqassim li ġie miftiehem minn qabel tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza fi ħdan l-Eurosistema fir-rigward ta' skemi ta' pagament[14], u s-setgħat estiżi tal-BĊM b'ebda mod m'għandhom jaffettwaw is-setgħat li l-BĊE jew il-banek ċentrali l-oħrajn tal-Eurosistema għandhom bħala sorveljanti ta' skemi ta' kards ta' pagament.

---

10 Ara l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

11 Ara d-Direttiva Nru 1 tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar il-forniment u l-użu ta' servizzi ta' pagament, disponibbli fuq: www.centralbankmalta.org.

12 B'mod partikolari, l-Artikolu 127(6) tat-Trattat dwar politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

13 Ara r-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

14 Ara Eurosystem oversight policy framework, Lulju 2016, taqsima 5.2 "Allocation of roles within the Eurosystem".

4. Setgħat superviżorji fir-rigward ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu

4.1 Id-definizzjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu skont l-abbozz ta' liġi taqa' barra mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15], b'mod partikolari għaliex dan ir-regolament ma japplikax għal punteġġi tal-kreditu, sistemi ta' punteġġi tal-kreditu jew valutazzjonijiet simili oħrajn relatati ma' obbligi li jirriżultaw minn relazzjonijiet ma' konsumaturi, kummerċjali jew industrijali[16]. Peress li l-aġenziji ta' referenza tal-kreditu jaqgħu barra mill-ambitu ta' dan ir-regolament, l-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq ma jkollhiex setgħat superviżorji fuq dawk l-entitajiet.

4.2 Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-aġenziji ta' referenza tal-kreditu għadhom mhumiex irregolati ħlief f'aspetti tal-protezzjoni tad-data[17]. Peress li s-suġġetti tal-protezzjoni tad-data normalment ikunu biss persuni fiżiċi, u mhux ġuridiċi[18], dan jimplika li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-aġenziji ta' referenza tal-kreditu jibqgħu għal kollox mhux irregolati f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' punteġġ għall-kreditu ta' persuni ġuridiċi. Barra minn hekk, jidher li l-aġenziji ta' referenza tal-kreditu huma rregolati fir-rigward tal-mod kif jagħtu punteġġ għall-kreditu biss fi ftit Stati Membri[19].

4.3 Attwalment, l-aġenziji ta' referenza tal-kreditu huma wieħed mill-erba' sorsi aċċettati ta' valutazzjoni tal-kreditu li fuqhom l-Eurosistema tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-eliġibbiltà tal-assi bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Aġenziji ta' referenza tal-kreditu aċċettati bħala sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu ssir referenza għalihom bħala fornituri terzi ta' għodda ta' klassifikazzjoni u l-aċċettazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom isegwu d-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60)[20]. Iżda l-użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu minn strumenti ta' terzi huwa limitat ħafna, b'mod partikolari meta mqabbel mat-tliet sorsi l-oħrajn ta' valutazzjoni tal-kreditu li huma aċċettati.

5. Aċċess għar-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu u għal informazzjon oħra miżmuma mill-BĊM

5.1 Il-BĊE jilqa' d-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' liġi li jestendu l-aċċess għar-Reġistru Ċentrali tal-

15 Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p.1).

16 Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

17 Rapport ta' Jannar 2011 mill-European Credit Research Institute jindika li r-regolaturi nazzjonali ewlenin ta' bureaus ta' kreditu f'ħafna Stati Membri tal-Unjoni huma l-uffiċċji nazzjonali tal-protezzjoni tad-data. Ara M. Rothemund u M. Gerhardt, European Credit Research Institute, The European Credit Information Landscape: An analysis of a survey of credit bureaus in Europe, Jannar 2011, p. 7.

18 Ara d-definizzjoni ta' "data personali" fir-Regolament (UE) 2016/679 Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5. 2016, p. 1), li hija ristretta għal persuni fiżiċi.

19 Fir-Renju Unit il-Financial Conduct Authority hija nnominata bħala l-awtorità kompetenti f'dan ir-rigward. Ara Briefing Paper Number 04070, House of Commons Library, tas-17 ta' Marzu 2014 dwar aġenziji ta' referenza tal-kreditu, p. 5-6. Fl-Ungerija, il-Magyar Nemzeti Bank huwa nnominat bħala l-awtorità nazzjonali kompetenti għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji, fosthom aġenziji ta' referenza tal-kreditu. Ara l-Att CXXII tal-2011 dwar is-Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Kreditu.

20 Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (Linja Gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali) (BĊE/2014/60) (ĠU L 91 2.4.2015, p. 3).

Kreditu għal (i) istituzzjonijiet tal-Unjoni li joħolqu bażijiet ta' data kumparabbli għar-Reġistru u li jikkonkludu arranġamenti ta' reċiproċità mal-BĊM; u (ii) kwalunkwe istituzzjoni oħra hekk kif il-BĊM jidhirlu li huwa meħtieġ.

5.2 Kif ġie osservat qabel mill-BĊE[21], peress li l-BĊE attwalment m'għandux reġistru kumparabbli, ma jistax jingħata informazzjoni li tinsab fir-Reġistru fuq il-bażi ta' reċiproċità. Fl-abbozz ta' liġi m'hemmx dispożizzjoni espliċita li tippermetti li l-informazzjoni dwar ir-Reġistru tiġi aċċessata mill-BĊE jew l-MFSA, minkejja li l-BĊE kien identifika qabel mezzi li permezz tagħhom huwa jew l-MFSA jistgħu jiksbu aċċess għal data li tinsab fir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu[22].

5.3 Il-BĊE jilqa' l-fatt li l-abbozz ta' liġi jipprovdi li l-BĊM jista' jipprovdi aċċess għall-informazzjoni miżmuma fir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu lil kwalunkwe istituzzjoni oħra hekk kif il-BĊM jidhirlu li huwa meħtieġ. Il-BĊE jikkunsidra li, jekk ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu, din id-dispożizzjoni tista' tagħti lill-BĊE bażi legali addizzjonali biex jaċċessa r-Reġistru.

6. Kompiti ġodda fdati lill-BĊM

6.1 B'rabta mas-sorveljanza tal-forniment ta' servizzi ta' pagament minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, il-BĊE jinnota li l-abbozz ta' liġi ma jagħtix kompiti li huma tabilħaqq ġodda lill-BĊM, iżda fil-fatt jestendi s-setgħat tal-BĊM biex jiffaċilta t-twettiq ta' kompitu diġà assenjat lilu. B'kuntrast, is-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu hija kompitu ġdid fdat lill-BĊM mill-abbozz ta' liġi peress li attwalment il-BĊM ma jwettaqx il-funzjoni ta' awtorità superviżorja għall-finijiet li jissorvelja u jirregola l-ħruġ ta' punteġġi ta' kreditu minn aġenziji ta' referenza tal-kreditu.

6.2 Il-BĊE jenfasizza li l-għoti propost ta' kompiti ġodda lil bank ċentrali nazzjonali (BĊN) tas-Sistema Ewropea ta' Bank Ċentrali (SEBĊ) irid jiġi vvalutat kontra l-kriterji sabiex jiġi ddeterminat x'jikkostitwixxi kompitu ta' gvern mill-perspettiva tal-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju stabbilta fl-Artikolu 123 tat-Trattat.

6.3 Għall-finijiet ta' dik il-projbizzjoni, l-Artikolu 1(1)(b)(ii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3603/93[23] jiddefinixxi "kull tip ieħor ta' faċilità ta' kreditu", *inter alia*, bħala "kull finanzjament ta' l-obbligi tas-settur pubbliku vis-a-vis partijiet terzi". Sabiex jiġi determinat x'jista' jiġi assimilat mal-finanzjament tal-obbligu tas-settur pubbliku fil-konfront ta' terzi, li jista' jiġi interpretat bħala l-finanzjament pprovdut minn BĊN barra mill-ambitu tal-kompiti ta' bank ċentrali, jenħtieġ li jiġi evalwat jekk il-kompitu l-ġdid li għandu jitwettaq minn dak il-BĊN huwiex kompitu ta' gvern, jiġifieri kompitu fi ħdan ir-responsabbiltà tas-settur pubbliku tal-Istati Membri, minflok kompitu ta' bank ċentrali. Fi kliem ieħor, iridu jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati sabiex ma jiġix evitat l-objettiv tal-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju li tinżamm politika baġitarja soda fl-Istati Membri.

6.4 Bħala parti mid-diskrezzjoni tiegħu fit-twettiq ta' dmiru, fuq il-bażi tal-Artikolu 271(d) tat-Trattat u l-Artikolu 35.6 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-"Istatut tas-SEBĊ"), li jiżgura li l-BĊNi jonoraw l-obbligi stabbiliti fit-Trattat, il-Kunsill Governattiv

21 Ara l-paragrafu 3.1 tal-Opinjoni CON/2015/20.
22 Ara l-paragrafi 3.1 sa 3.2 tal-Opinjoni CON/2015/20.
23 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3603/93 tat-13 Diċembru 1993 li jistabbilixxi d-definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli 104 u 104b (1) tat-Trattat (ĠU L 332, 31.12.1993, p. 1).

approva salvagwardji ta' dik ix-xorta fil-forma ta' kriterji sabiex jiġi ddeterminat x'jista' jitqies li jaqa' fi ħdan l-obbligu tas-settur pubbliku fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 3603/93 jew, fi kliem ieħor, x'jikkostitwixxi kompitu ta' gvern skont kif ġej:

L-ewwel nett, il-kompiti ta' bank ċentrali huma b'mod partikolari dawk il-kompiti relatati mal-kompiti mogħtija lill-BĊE u l-BĊNi mit-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ. Dawn il-kompiti huma ddefiniti prinċipalment fl-Artikolu 127(2), (5) u (6) u 128(1) tat-Trattat, kif ukoll fl-Artikolu 22 u 25.1 tal-Istatut tas-SEBĊ.

It-tieni nett, peress li l-Artikolu 14.4 tal-Istatut tas-SEBĊ jippermetti lill-BĊNi biex iwettqu "funzjonijiet oħra", kompiti ġodda li mhumiex relatati ma' kompiti li jkunu ngħataw lill-BĊE u l-BĊNi mhumiex preklużi *per se*. Madankollu, kompiti ġodda li huma atipiċi għal kompiti ta' BĊN jew li jitwettqu b'mod ċar f'isem u fl-interess esklużiv tal-gvern jew ta' entitajiet oħrajn tas-settur pubbliku għandhom jitqiesu bħala kompiti ta' gvern.

It-tielet nett, kriterju importanti biex kompitu ġdid jiġi kkwalifikat bħala atipiku għal kompitu ta' BĊN jew bħala li qiegħed jitwettaq b'mod ċar f'isem u fl-interess esklużiv tal-gvern jew entitajiet oħrajn tas-settur pubbliku, huwa l-impatt tal-kompitu fuq l-indipendenza istituzzjonali, finanzjarja u personali ta' dak il-BĊN.

B'mod partikolari, għandhom jitqiesu dawn l-aspetti:

(i) Jekk it-twettiq tal-kompitu l-ġdid joħloqx kunflitti ta' interess ma' kompiti eżistenti ta' bank ċentrali li mhumiex indirizzati b'mod adegwat u li mhux neċessarjament jikkumplimentaw dawk il-kompiti eżistenti tal-bank ċentrali. Jekk iqum kunflitt ta' interess bejn kompiti eżistenti u ġodda, għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji suffiċjenti biex jittaffa dak il-kunflitt. Il-kumplimentarjetà bejn kompitu ġdid u l-kompiti eżistenti tal-bank ċentrali għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' katina indefinita ta' kompiti anċillari. Dik il-kumplimentarjetà għandha tiġi eżaminata wkoll b'rabta mal-finanzjament ta' dawk il-kompiti;

(ii) jekk mingħajr riżorsi finanzjarji ġodda t-twettiq tal-kompitu l-ġdid huwiex sproporzjonat għall-kapaċità finanzjarja u organizzazzjonali tal-BĊN u jistax ikollu impatt negattiv fuq il-kapaċità li jitwettqu kif suppost il-kompiti eżistenti tal-bank ċentrali;

(iii) jekk it-twettiq tal-kompitu l-ġdid jaqbilx mal-istruttura istituzzjonali tal-BĊN fid-dawl tal-indipendenza tal-bank ċentrali u kunsiderazzjonijiet ta' akkontabilità;

(iv) jekk it-twettiq tal-kompitu l-ġdid jinvolvix riskji finanzjarji sostanzjali;

(v) jekk it-twettiq tal-kompitu l-ġdid jesponix lill-membri tal-korpi li jieħdu deċiżjonijiet fi ħdan il-BĊN għal riskji politiċi li huma sproporzjonati u li jista' jkollhom impatt fuq l-indipendenza personali tagħhom u, b'mod partikolari, fuq il-garanzija tat-terminu tal-kariga stipulata fl-Artikolu 14.2 tal-Istatut tas-SEBĊ.

6.5 Fuq il-bażi tal-kriterji stipulati hawn fuq, il-paragrafi li ġejjin jevalwaw jekk il-kompitu l-ġdid mogħti lill-BĊM jikkostitwixxix kompitu ta' gvern fil-kuntest tal-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju.

6.5.1 *Kompiti ġodda relatati mal-kompiti mogħtija lill-BĊE u l-BĊNi mit-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ*

Is-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu mhijiex fost il-kompiti bażiċi elenkati fl-Artikolu 127(2) u (5) tat-Trattat jew li huma altrimenti mogħtija lill-BĊNi mill-Istatut tas-SEBĊ. Barra minn hekk, waqt li l-ħidma korretta ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu tista' tkun siewja għal istituzzjonijiet ta' kreditu peress li jkunu kapaċi jagħmlu evalwazzjoni aħjar tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li lihom ikunu qegħdin isellfu, dan il-kompitu l-ġdid mhuwiex relatat mal-kompiti speċifiċi mogħtija lill-BĊE abbażi tal-Artikolu 127(6) tat-Trattat fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-kuntest tal-mekkaniżmu superviżorju uniku.

6.5.2 *Kompiti li hujma atipiċi għal kompiti ta' BĊN*

Il-BĊE jinnota li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-aġenziji ta' referenza tal-kreditu għadhom mhumiex irregolati ħlief għal aspetti ta' protezzjoni tad-data[24]. Madankollu, hemm ukoll Stati Membri fejn il-BĊN huwa nnominat bħala l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu[25] jew fejn is-sistemi għall-iskambju ta' data dwar l-affidabbiltà tal-kreditu hija kwistjoni rregolata mill-BĊN[26]. Barra minn hekk, għadd ta' BĊNi għandhom funzjonijiet marbuta mal-ġbir u l-użu ta' data dwar ir-riskju tal-kreditu, inkluż b'rabta mat-tħaddim ta' reġistri ċentrali tal-kreditu[27]. Barra minn hekk, aġenziji ta' referenza tal-kreditu jistgħu jiżvolġu rwol fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, peress li huma wieħed mill-erba' sorsi li jistgħu jiġu aċċettati għall-evalwazzjoni tal-eliġibbiltà ta' assi eliġibbli bħala kollateral. Konsegwentement, għalkemm is-superviżjoni diretta ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu minn BĊNi *per se* għadha rari fost l-Istati Membri, huwa komuni għall-BĊNi li jkunu involuti f'attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu. Minn dan isegwi li l-kompitu l-ġdid propost li jingħata lill-BĊM fir-rigward tas-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu mhuwiex atipiku għal bank ċentrali f'dawk l-Istati Membri li għażlu li jirregolaw u jagħmlu superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-

24 Rapport ta' Jannar 2011 tal-European Credit Research Institute indika li r-regolaturi nazzjonali ewlenin ta' bureaus tal-kreditu f'ħafna Stati Membri tal-UE huma l-uffiċċji nazzjonali tal-protezzjoni tad-data. Ara M. Rothemund u M. Gerhardt, European Credit Research Institute, The European Credit Information Landscape: An analysis of a survey of credit bureaus in Europe, Jannar 2011, p. 7.

25 Fl-Ungerija, il-Magyar Nemzeti Bank huwa responsabbli għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji, fosthom aġenziji ta' referenza tal-kreditu taħt l-Att CXXII tal-2011 dwar is-Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Kreditu fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment u l-operat ta' impriża finanzjarja li topera s-sistema ċentrali ta' informazzjoni dwar il-kreditu, is-superviżjoni u l-irtirar ta' awtorizzazzjoni, l-obbligu ta' kunfidenzjalità fir-rigward ta' sigrieti tal-kummerċ, sigrieti bankarji u dwar pagamenti kif ukoll kwalunkwe eżenzjonijiet mill-obbligu ta' kunfidenzjalità impost mill-Att CCXXXVII tal-2013 dwar istituzzjonijiet ta' kreditu.

26 F'Ċipru l-Bank Ċentrali ta' Ċipru (CBC) huwa fdat bil-kompitu ta' superviżjoni ta' dawn is-sistemi bil-għan li jiżgura l-ġestjoni korretta tad-data fil-pussess tagħhom (Artikolu 28(E) tal-Liġi 66(I)/1997 dwar in-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu). Is-CBC għandu s-setgħa li joħroġ leġiżlazzjoni sekondarja biex jirregola l-kundizzjonijiet u l-proċessi għall-iffunzjonar ta' dawn is-sistemi, u jista' jimponi sanzjonijiet fuq l-operaturi ta' dawk is-sistemi (Artikoli 28(E), 41(6) u 42(3) tal-Liġi 66(I)/1997). Dan il-kunċett huwa eqreb għan-nozzjoni ta' reġistru tal-kreditu milli dak ta' bureaus tal-kreditu, fis-sens li jippresupponi l-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u xi kategoriji oħrajn ta' istituzzjonijiet (prinċipalment fornituri ta' kreditu) u ebda persuna oħra ma' tista' tipparteċipa jew tibbenefika mis-servizzi tiegħu ħlief għas-CBC.

27 Ara, e.ż., l-Opinjoni CON/2011/20 (il-Belġju), l-Opinjoni CON/2011/47 (il-Latvja), l-Opinjoni CON/2012/74 (l-Irlanda), l-Opinjoni CON/2013/29 (Franza), l-Opinjoni CON/2016/42 (is-Slovenja) u l-Opinjoni CON/2016/57 (il-Bulgarija). Reġistri ċentrali tal-kreditu huma mħaddma mill-BĊNi fi Stati Membri oħrajn, inkluża pereżempju l-Italja.

kreditu fir-rigward tal-ippunteġġar tal-kreditu tagħhom.

6.5.3 *Kompiti mwettqa b'mod ċar f'isem u fl-interess esklużiv tal-gvern*

Il-BĊE jifhem li s-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu f'Malta qiegħda tiddaħħal minn naħa waħda sabiex jiġu mħarsa l-interessi tal-persuni ġuridiċi u fiżiċi li jkunu qegħdin jingħataw punteġġ sabiex jiġi żgurat li l-għoti ta' punteġġ għall-kreditu tagħhom ikun ġust u trasparenti u, min-naħa l-oħra, sabiex jiġi żgurat li aġenziji ta' referenza tal-kreditu jibbażaw fuq data korretta, b'mod partikolari data li tkun tinsab fir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu, sabiex jiġi żgurat li l-għoti ta' punteġġ min-naħa tagħhom ikun ġust u affidabbli. Fid-dawl tal-attivitajiet ta' banek ċentrali relatati mar-riskju tal-kreditu, inkluż it-tħaddim ta' reġistri ċentrali tal-kreditu, il-kompitu ġdid propost li jingħata lill-BĊM ma jidhirx li huwa kompitu mwettaq b'mod ċar f'isem u fl-interess esklużiv tal-gvern.

6.5.4 *Grad sa fejn it-twettiq tal-kompitu l-ġdid joħloq kunflitti ta' interess ma' kompiti eżistenti ta' banek ċentrali*

Il-kompitu l-ġdid ta' superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu ma jidher li joħoloq ebda kunflitt ta' interess ma' kompiti eżistenti ta' bank ċentrali mwettqa mill-BĊM. Għall-kuntrarju, jidher li pjuttost jikkumplimenta l-kompitu eżistenti ta' żamma ta' reġistru ċentrali tal-kreditu.

6.5.5 *Grad sa fejn it-twettiq tal-kompitu l-ġdid huwa sproporzjonat mal-kapaċità finanzjarja jew organizzazzjonali tal-BĊM*

Fir-rigward tal-prinċipju li l-Istati Membri ma jistgħux ipoġġu lill-BĊNi tagħhom f'pożizzjoni fejn ma jkollhomx biżżejjed riżorsi finanzjarji biex iwettqu mhux biss il-kompiti tagħhom relatati mas-SEBĊ iżda wkoll il-kompiti nazzjonali tagħhom, il-BĊE jifhem li l-kompitu l-ġdid mhux ser jeħtieġ l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji. Madankollu, peress li l-BĊE jifhem li t-tariffi superviżorji annwali li ser jiġu imposti fuq l-aġenziji ta' referenza tal-kreditu mhux ser ikopru għal kollox in-nefqa tal-BĊM biex iwettaq dan il-kompitu ġdid, il-BĊM għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li jkollu riżorsi suffiċjenti għat-twettiq ta' dan il-kompitu.

6.5.6 *Grad sa fejn it-twettiq tal-kompitu l-ġdid jaqbel mal-istruttura istituzzjonali tal-BĊM, fid-dawl tal-indipendenza tal-bank ċentrali u kunsiderazzjonijiet ta' akkontabilità*

Kif diġà ġie osservat, il-kompitu l-ġdid assenjat lill-BĊM jidher li jikkumplimenta l-kompitu tiegħu li jżomm reġistru ċentrali tal-kreditu. It-twettiq ta' dan il-kompitu b'hekk jidher li jabqel mal-istruttura istituzzjonali eżistenti tal-BĊM.

6.5.7 *Grad safejn it-twettiq tal-kompiti jinvolvi riskji finanzjarji sostanzjali*

Il-BĊE jinnota li t-twettiq ta' dan il-kompitu l-ġdid ma jinvolvix riskji finanzjarji sostanzjali għall-BĊM jew l-uffiċjali tiegħu. B'hekk, skont l-Artikolu 15 tal-Att dwar il-BĊM, il-BĊM, id-diretturi, il-funzjonarji jew impjegati tiegħu ma jistgħux jinżammu responsabbli għad-danni għal dak li jsir jew jonqos milli jsir fl-eżekuzzjoni jew eżekuzzjoni maħsuba tal-funzjonijiet tiegħu, ħlief jekk jintwera li dan ikun sar jew ma sarx *in mala fede*. Barra minn hekk, b'rabta mas-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu, il-paragrafu 4(1) tad-Direttiva Nru 14 dwar ir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu jipprovdi li l-BĊM mhuwiex responsabbli għall-integrità u l-korrettezza ta' data li istituzzjoni tipprovdi lir-Reġistru. Minn barra dan, aġenziji ta' referenza tal-kreditu huma responsabbli bis-sħiħ fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-kreditu ta' natura pubblika u mhux pubblika li jkollhom fil-pussess tagħhom, apparti data fir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu.

6.5.8 *Grad sa fejn it-twettiq tal-kompitu l-ġdid jesponi lill-membri tal-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan il-BĊM u għandu impatt fuq l-indipendenza personali tagħhom*

Il-kompitu superviżorju ġdid fir-rigward tal-aġenziji ta' referenza tal-kreditu ma jidhirx li jesponi lill-membri tal-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan il-BĊM għal riskji politiċi sproporzjonati, jew li inkella għandu xi impatt fuq l-indipendenza personali tagħhom.

6.6 *Konklużjoni*

Filwaqt li l-kompitu ġdid mogħti lill-BĊM fir-rigward tas-superviżjoni ta' aġenziji ta' referenza tal-kreditu mhuwiex fost il-kompiti mogħtija lill-BĊE u l-BĊNi mit-Trattat u mill-Istatut tas-SEBĊ, dan il-kompitu mhuwiex atipiku għal kompiti ta' BĊNi f'dawk l-Istati Membri li għażlu li jirregolaw u jissorveljaw aġenziji ta' referenza tal-kreditu fir-rigward tal-għoti ta' punteġġ għall-kreditu min-naħa tagħhom. Barra minn hekk, huwa komuni għall-BĊNi li jkunu involuti f'attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu. Minn barra dan, peress li l-kompitu tal-BĊM ma jitwettaqx f'isem u fl-interess esklużiv tal-gvern, il-kompitu superviżorju ġdid tal-BĊM b'rabta ma' aġenziji ta' referenza tal-kreditu ma jikkostitwixxix kompitu tal-gvern.

Din l-opinjoni ser tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 21 ta' Jannar 2019.

[iffirmat]

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI